GUDJA

Minuti tal-ħamsa u ħamsin (55) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 30 t'Ottubru 2012 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut, & Anthony Dalli |
| Skużat: | Kunsillier; | Osvaldo Pace |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 50/6 (04 ta' Settembru 2012)
   51/6 (24 ta' Settembru 2012)
   52/6 (24 ta' Settembru 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/009/2012 – CCTV's around Gudja. Purchase or leasing of CCTV's cameras with easy accessible film and interconnectivity.
   b. Quot/010/2012 – Supply and delivery of water (bowzer)
   c. Quot/011/2012 – Repair and fix as necessary 10 aluminium notice boards around Gudja.
   d. Quot/012/2012 – Cleaning and clearing of various water culverts around Gudja.
   e. Quot/013/2012 – Supply and delivery of Concrete C20.

5. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna
   c. Ġnien Raymond Caruana

6. Attivitajiet Milied 2012/2013

7. Residential Parking Scheme

8. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti

c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

9. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-6.05p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku qal li din il-laqgħa hija kontinwazzjoni tal-laqgħa li kienet bdiet fid-19 t'Ottubru 2012 u għalhekk għandha l-istess Agenda iżda sejrin jiġi diskussi dawk it-temi li ma ġewx diskussi waqt il-laqgħa tad-19 t'Ottubru 2012.

**3.0 Rapporti**

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilment kollha li jirċievi jiġu trattati bla dewmien u indirizzati kif jixraq kemm billi jitwettaq xogħol mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill kif ukoll mill-kuntratturi li jipprovdus ervizz lill-Kunsill. Fejn ikun hemm il-ħtieġa l-Kunsill jindirizza ukoll dawn l-ilmenti u jaddihom l-entitajiet konċernati u jagħmel il-follow up kif ikun meħtieġ.

Kull min jagħmel l-ilment ikollu acknowledgment u jiġi nfurmat dwar dak li qed ssir dwar kull ilment rispettiv.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu u ddeċieda li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

**4.0 Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet.**

4.1 Quot/009/2012 – CCTV's around Gudja. Purchase or leasing of CCTV's cameras with easy accessible film and interconnectivity. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jitlob lill-Kunsillier is-Sur Sammut sabiex jagħmel ananliżi ta' dawn l-offerti peress li huwa persuna ikwalifikati u kapaċi dwar din il-materja u wara li jirċievi din l-analiżi l-Kunsill ikun jista jieħu deċiżjoni fl-aħjar interess tal-Kunsill.

4.2 Quot/010/2012 – Supply and delivery of water (bowzer). Il-Kunsill qabel li jikseb s-servizz ta' John Desira 2, Triq GM Caruana, Żabbar peress li dan kien l-aħjar offerent.

4.3 Quot/011/2012 – Repair and fix as necessary 10 aluminium notice boards around Gudja. Peress li ma kienx hemm l-ebda offerent, il-Kunsill qabel li jikseb dan is-servizz fuq bażi ta' direct order sakemm dan ma jkunx jeċedi l-ammont stabbilit f'dan ir-rigward.

4.4 Quot/012/2012 – Cleaning and clearing of various water culverts around Gudja. Peress li ma kinex hemm l-ebda offerent il-Kunsill qabel li jikseb dan is-servizz fuq bażi ta' direct order sakemm dan ma jkunx jeċċedi l-ammont stabbilit f'dan ir-rigward.

4.5 Quot/013/2012 – Supply and delivery of Concrete C20. Saret diskussjoni dwar l-offerti li rċieva l-Kunsill u sar qbil li l-aħjar offerta kienet dik ta' Denfar. Il-Kunsill qabel li jixtri dan il-konkos mingħand id-Denfar.

**5.0 Xogħlijiet u Progress**

5.1 Triq San Pawl. Saru xogħlijiet dwar il-bankini iżda nqalgħu xi problemi dwar il-mains tal-ilma li kkawżaw xi dewmien dwar dan ix-xogħol. Huwa mistenni li dawn ix-xogħlijiet ikomplu fi żmien qasir u li l-kuntrattur dwar l-asfaltar jidħol fuq il-post fi żmien qasir.

5.2.0 Toroq oħra.

5.2.1 Triq il-Kbira. Dan ix-xogħol mistenni jibda fi ftit żmien wara li titlesta Triq San Pawl. Il-Kunsill diġa ħadem dwar il-permessi meħtieġa sabiex jinbeda x-xogħol fuq din it-triq.

5.2.2 Bankina fi Triq Ħal Safi. Il-Kunsill diġa kiseb il-permessi meħtieġa sabiex ssir dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ukoll li jikseb s-servizz ta' surveyor sabiex jagħmel rapport dwar livelli sabiex jitneħħa l-maqgħad tal-ilma u l-ilma jkun jista' jaqleb f'toroq oħra mingħajr ma' jagħmel ħsara.

5.2.3 Ġnien Raymond Caruana. Saret diskussjoni dwar il-qagħda taċ-ċangatura madwar dan il-ġnien. Il-Kunsill qabel li jikseb il-parir tal-ELC dwar kif titneħħa l-ħsara mill-għeruq u mingħajr ma ssir ħsara lill-istess siġar.

**6.0 Attivitajiet Milied 2012/2013**

6.1 Is-Sur Baldacchino qal li kien qed jaħdem ma sotto kumitat li ifforma mas-Sur Stefan Caruana, Sur Charles Zammit u mas-Sur Joseph M. Formosa u s-Sinjorina Antoinette Azzopardi sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa u joħroġ programm uffiċjali u li dan jitwettaq biċċa biċċa iżda l-qofol ta' dan il-programm tkun l-attivita ta' Milied ta' Dari li sejra ssir nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2012.

6.2 Is-Sur Baldacchino qal li l-kors dwar il-Christmas Craft kien ta' suċċess u miexi sewwa.

6.3 Is-Sur Baldacchino qal ukoll li s-Sur Charles Zammit kien qed jaħdem ħafna dwar it-tiżjin estern u dak intern u dwar dan xtaq jirringrazzjah u juri l-apprezzament tal-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu volontarja.

6.4 Is-Sur Baldacchino qal li l-programm tal-Milied jibda bil-Ħarġa għal Għawdex li sejra issir fit-08 ta' Diċembru 2012 u din issa daħlet fil-kalendarju tal-Kunsill.

6.5 Is-Sur Baldacchino qal li l-programm finali jiġi preżentat fil-laqgħa li jmiss għal-Kunsill u li dan jitqassam lir-residneit kollha tal-Gudja permezz tal-posta.

6.6 Tiżjin u dawl fit-toroq madwar il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li din is-sena l- parroċċa hija ukoll inkluża fit-tiżjin u dwal tat-toroq fil-ġranet u l-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-sena 2012/2013 u b'hekk sejrin jiġu mżejna diversi toroq oħra bil- għan li dawn il-festi jitgawdew mill-Gudjani kollha.

6.7 Is-Sur Baldacchino qal li żieda fit-tiżjin hija dik ta' silhouette mal-faċċata tal-bini tal-Kunsill fuq in-naħa ta' Triq l-Annunzjata. Din il-silhouette mhux sejra tuża enerġija iżda se tieħu dawl eżistenti. Dan ix-xogħol qed issir ukoll mis-Sur Charles Zammit.

Is-Sur Baldacchino qal li n-nefqa totali u li tinkludi dik dwar id-dawl ta' diversi toroq (€3300) sejra tleħħaq madwar €5500 u dwar dan il-Kunsill sejjer jagħmel talba ta' €2000 mill-fondi specjali u jista jikseb xi sponsorship oħra.

Il-Kunsill approva din in-nefqa u qabel li l-program finali jitqassam għand ir-residenti tal-Gudja malli jitlesta.

## 7.0 Residential Parking Scheme

7.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni li din it-tema ġiet diskussa u deċiża waqt laqgħa msejħa b'urġenza li saret nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru 2012.

## 8.0 Finanzi

8.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

8.3.1 Il-Kunsill qabel u approva dawk ix-xogħlijiet u xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

8.3.2 Xiri ta' Cold asphalt – mitt xkora ta' 25kg.

8.3.3 Xogħol ta' konkos fi Triq Birżebbuġa – tlett jardi.

8.3.4 Xogħol ta' konkos f Triq tal-Lampat – erba' jardi.

8.3.5 Xogħol ta' bankini fi Ġnien Raymond Caruana.

## 9.0 Għeluq tal-laqgħa

9.1 Memo 40/2012 - Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali. Il-Kunsill qabel li jiffirma dan il-ftehim u li jirċievi l-fondi ta' €500.00 u jaġixxi skond il-ftehim.

9.2 Għażla ta' offerta dwar is-sinjali tat-toroq. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapporti u analiżi kif preparat mill-Perit William Lewis, perit tal-Kunsill u wara deliberazzjoni iddeċida li jagħżel l-kumpanija Grima & Sons Ltd li għamlet l-aħjar offerta. Il-Kunsill qabel li jiffirma l-kuntratt ma' dan il-kuntrattur.

***Aġġornament***

Is-Sindku aġġorna l-laqgħa fid-9.00p.m. u qal li l-laqgħa li jmiss sejra ssir nhar l-Erbgħa 05 ta' Diċembru 2012 fis-5.45p.m. fuq Agenda li tiġi ċċirkulata għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________